# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ____________________________ **TOTAL:** ___ / 100 **marka**

**Klassi:** __________________

## A. Imla l-vojt fis-sentenzi dwar il-katakombi bil-kliem li hemm fil-kaxex. Ara l-eżempju. (12-il marka)

| *~~katakombi~~ | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **għeżież** | **mejtin** | **altar** | **quddiesa** | **oqbra** | **Agata** |



L-ewwel insara f'Malta kienu jiltaqgħu fil- ***katakombi***. Hemm kienu jiċċelebraw il- ____________. Fil-katakombi ta' Sant'_____________ fir-Rabat (Malta) hemm __________ sabiħ fejn kienet issir il-quddiesa. Fil-katakombi kienu jidfnu l- __________. Fil-katakombi ta' San Pawl hemm ħafna ___________ fejn kien isir id-dfin. L-insara kienu jagħżlu postijiet ____________ u jħaffru l-katakombi ħdejhom.

(6 marki)

### Kompli imla l-vojt f'dawn is-sentenzi bil-kliem li hemm fil-kaxex.

| **jistaħbew** | **mejda** | **martri** | **Grotta** | **salib** | **agape** |
|---|---|---|---|---|---|

Hekk insibu li ħdejn il- ___________ ta' San Pawl hemm ħafna katakombi mnifdin magħha. Il-katakombi ma kinux jintużaw biex _____________ fihom. Fil-katakombi ta' Malta, qatt ma sibna oqbra tal-___________. Sibna żewġ affarijiet interessanti: ____________ tonda li jsejħulha ____________, u s-sinjal tas-___________. (6 marki)

## B. Agħti erba' eżempji ta' kif Ġesù wera l-imħabba tiegħu lejn l-oħrajn. (12-il marka)

1. ____________________________________________
2. ____________________________________________
3. ____________________________________________
4. ____________________________________________



## Ċ. Aqra dawn il-mistoqsijiet. Agħmel sinjal taħt it-tweġibiet it-tajba. (12-il marka)



1) Liema <u>tnejn</u> minn dawn il-ġrajjiet ġraw fil-jum tal-Ħadd?

a) It-twelid ta' Ġesù
b) Il-mewt ta' Ġesù
ċ) Il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù
d) It-tlugħ ta' Ġesù fis-sema
e) L-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli
f) It-tlugħ tal-Madonna fis-sema (4 marki)

2) Liema hi l-aktar ħaġa importanti li għandna nagħmlu nhar ta' Ħadd?

a) Ngħidu r-rużarju
b) Nieħdu sehem fil-quddies
ċ) Noħorġu ma' tal-familja
d) Inlestu l-*homework* kollu
e) Naqraw xi ktieb tajjeb
f) Nagħmlu ftit sport għal saħħitna (2 marki)

3) ***<u>Ħares il-Ħdud u l-Festi kkmandati</u>***

Liema hu dan il-kmandament?

a) L-ewwel kmandament
b) It-tielet kmandament
ċ) Il-ħames kmandament
d) Is-seba' kmandament
e) Id-disa' kmandament (2 marki)

4) Kif ningħaqdu flimkien waqt il-quddiesa tal-Ħadd?
(Aqta' sinjal taħt waħda biss)

a) Bħala aħwa Maltin
b) Bħala ulied il-belt jew raħal tagħna
ċ) Bħala familja ta' Alla
d) Bħala ċittadini
e) Bħala tim wieħed (2 marki)

5) X'inhi l-aktar ħaġa importanti biex nieħdu sehem sħiħ fil-quddiesa?

a) li nitqarbnu
b) li nqerru
ċ) li nkantaw
d) li naqraw xi lezzjoni
e) li ntellgħu l-offerti (2 marki)

## D. Kompli dawn is-sentenzi fuq l-imħabba. (10 marki)



1. Ġesù hu verament ir-Ragħaj it-Tajjeb għax ______________________________.
2. Aħna għandna __________________lil min jagħmlilna d-deni.
3. L-akbar kmandament tagħna l-insara hu li nħobbu lil _______________ u li nħobbu lil _____________________________.
4. Ġesù tana l-akbar eżempju ta' l-imħabba meta ___________________________.
5. Ġesù qalilna, "Kif għamilt jien magħkom, hekk __________________________________."

**E. Aqra din l-istorja.**
**Wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (10 marki)**

Darba Ġesù u l-appostli kienu mexjin maġenb muntanja sabiħa. Kien qiegħed ikellimhom fuq il-passjoni tiegħu. Qalilhom li hu kellu jbati ħafna u jmut imsallab imma wara tlett ijiem kellu jqum mill-mewt. Huma ma fehmuhx, għax qatt ma kienu semgħu li xi ħadd kien qam mill-mewt. Imbagħad Ġesù sejjaħ ħdejh lil tlieta minnhom: Pietru, Ġwanni u Ġakbu. Magħhom tela' sa fuq nett tal-Muntanja Tabor. Kif kien hemm fuq, mar jitlob waħdu. Waqt li kien jitlob rawh jinbidel. Wiċċu beda jiddi bħax-xemx u lbiesu saru bojod bħas-silġ. Ħdejh kien hemm Mosè u Elija jitkellmu miegħu. Pietru tant ħa gost jara lil Ġesù hekk sabiħ, li ried li jibqa' hemmhekk għal dejjem. Wara ġiet sħaba li għattiet lil Ġesù.



1. Fuq xiex Ġesù kien qiegħed ikellem lill-appostli?

   ____________________________________

2. Kif kellu jmut? ____________________________________
3. X'kien se jiġri wara li jmut? ____________________________________
4. Għaliex ma fehmuhx? ____________________________________
5. Lil min ħa miegħu Ġesù? ____________________________________
6. X'jisimha l-muntanja li marru fuqha? ____________________________________
7. Kif inbidel Ġesù? ____________________________________
8. Min deher ma' Ġesù? ____________________________________
9. Pietru ħassu qiegħed il-Ġenna. X'hemm fl-istorja li jurik li Pietru ħassu daqshekk ferħan?

   ____________________________________

**F. Żid kelma li taqbel ma' kull grupp. (10 marki)**
**Ara l-eżempju.**

1. Magħmudija, Tqarbin, Żwieġ, **<u>Griżma ta' l-Isqof</u>**
2. Mattew, Bartilmew, Ġakbu, ____________________
3. Il-Milied, L-Għid il-Kbir, Pentekoste, ____________________
4. Paċi, sliem, għaqda, ____________________
5. Glorja, Sliema, Salve Reġina, ____________________
6. Tabernaklu, konfessinarju, qniepen, ____________________

## Ġ. Qabbel billi tikteb in-numru. Ara l-eżempju. **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | **Il-Ħadd** | | Mejda |
| 2 | Ir-Ragħaj it-tajjeb | | Benedittu Sittax |
| 3 | M.U.S.E.U.M. | **1** | **Jum il-Mulej** |
| 4 | Altar | | Parroċċa |
| 5 | Quddiesa | | Maħfra |
| 6 | Papa | | Dun Ġorġ Preca |
| 7 | Missjunarji | | San Stiefnu |
| 8 | Kappillan | | Għid il-Ħamsin |
| 9 | Qrar | | Ġesù |
| 10 | Martri | | Jgħallmu fuq Ġesù f'pajjiżi 'l bogħod |
| 11 | L-Ispirtu s-Santu | | Ewkaristija |

## G. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. **(10 marki)**



Matul din is-sena tkellimna dwar il-familja ta' Alla. Il-familja ta' Alla hi l-Knisja ta' Ġesù. Aħna dħalna fil-familja ta' Alla fil-Magħmudija. Alla hu l-Missier f'din il-familja. Ġesù hu ħuna l-kbir. Din il-familja bdiet meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli u għamel minnhom l-ewwel familja ta' Ġesù. L-istess Spirtu s-Santu jinżel fuqna fil-Magħmudija u jdaħħalna f'din il-familja kbira.

F'din il-familja hemm bżonn li nobdu l-ewwel lil Alla. Irridu nħobbu lil xulxin, l-aktar lil dawk li huma foqra jew morda bħalma għamlu l-ewwel insara. Il-familja tiltaqa' flimkien fid-dar ta' Alla, il-knisja. Hemm nifirħu flimkien u nkellmu lil Missierna fit-talb. Hemm niltaqgħu flimkien għall-ikla ta' l-Ewkaristija fil-quddiesa. Dan nagħmluh l-aktar kull nhar ta' Ħadd. Dak inhar hu jum verament speċjali għalina lkoll. Matul is-sena nagħmlu ħafna festi fil-familja ta' Alla. Dawn nagħmluhom biex inżommu f'moħħna li xi darba din il-familja trid tingħaqad darba għal dejjem mal-Missier fil-Ġenna fejn niċċelebraw festa li qatt ma tispiċċa.

## Wieġeb fil-qosor (4 marki)

1. Agħti kelma oħra flok ***il-familja ta' Alla***. ________________________
2. Meta dħalna fil-familja ta' Alla? ________________________
3. Agħti kelma oħra flok ***l-ikla tal-Ewkaristija***. ________________________
4. Fejn niċċelebraw festa li ma tispiċċa qatt? ________________________



**Wieġeb** (6 marki)

1. F'liema festa nfakkru l-bidu tal-familja ta' Alla fid-dinja? ________________________
2. X'għamlet il-familja ta' Alla biex tieħu ħsieb il-foqra f'Malta? ____________________
________________________________________________________________________
3. X'għamlu l-ewwel insara biex jgħinu lill-foqra? ________________________________
________________________________________________________________________

**GĦ. Ikteb seba' sentenzi dwar il-ġrajja ta' kif bdiet il-familja ta' Alla f'Malta.**

**(14-il marka)**

